MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Frar, 2015

Numru. 168/2015

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Qais Sulima Omr**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Qais Sulima Omr ta’ 28 sena, bin Suleiman u Fatima, imwieled Tripoli fis-16 t’ Awwissu, 1986, residenti Balluta Malta u detentur tal-passaport Libjan bin-numru mhux maghruf.

Akkuzat talli fid-9 ta’ Frar 2015 u fil-jiem ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer u fi bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’ dokument jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument li hu kien jaf li gie falsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe’ kellu fil-pussess tieghu passaport Ungeriz falz bin-numru BD7586198 mahrug f’ isem Laszlo Ignac Zsiga (Kap. 61, Art.5 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohrajn falsifikati, u cioe’ fid-dokument fuq imsemmi (Kap. 9, Art. 189 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art.32(1d) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Frar, 2015 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-10 ta’ Frar, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati addebitati lill-imputat izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva aktar vicin il-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tat-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------